

Il-Ħamis, 15 ta' Jannar 2009

12. Jenfasizza li l-konklużjoni possibbli fil-ġejjieni ta' Ftehim ta' Koperazzjoni u Kummerċ bejn l-Iran u l-UE tiddependi wkoll minn titjib sostanzjali fil-qagħda tad-drittijiet tal-bniedem fl-Iran;
13. Jistieden lill-Presidenza tal-Kunsill u lir-rappreżentanti diplomatiċi tal-Istati Membri fl-Iran biex b'mod urġenti jieħdu azzjoni flimkien rigward it-tħassib imsemmi aktar 'il fuq;
14. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lill-gvernijiet u l-parlamenti tal-Istati Membri, lill-Kunsill tan-NU dwar id-Drittijiet tal-Bniedem, lill-Kap tal-Ġudikatura tal-Iran, kif ukoll lill-gvern u l-parlament tar-Repubblika Iżlamika tal-Iran.

Il-kolp ta' stat fil-Ginea

P6_TA(2009)0030

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-15 ta' Jannar 2009 dwar il-kolp ta' stat fil-Ginea

(2010/C 46 E/19)

Il-Parlament Ewropew,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 115(5) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

- A. billi kien hemm huf tal-poter minn grupp ta' uffiċjali, fit-23 ta' Diċembru 2008, l-għada tal-mewt tal-President Lansana Conté,
- B. billi Lansana Conté, li dak iż-żmien kien uffiċjali, ukoll kien ħataf il-poter bil-forza fl-1984 wara l-mewt tal-predeċessur tiegħu, il-President Sékou Touré, u li żamm il-poter għal 24 sena,
- C. billi l-armata m'għandu jkollha l-ebda rwol fit-tmexxija tan-nazzjonijiet,
- D. billi l-mandat tal-Assemblea Nazzjonali skada sentejn ilu u ma saru l-ebda elezzjonijiet leġislattivi,
- E. billi għandhom ikunu l-poplu tal-Ginea u r-rappreżentanti tiegħu li jiddeċiedu dwar il-ġejjieni politiku, ekonomiku u soċjali tal-Ginea, u billi l-iskeda ta' sentejn proposta mill-ġunta militari għall-elezzjonijiet hija twila wisq,
- F. billi l-kolp ta' stat ġie kkundannat mill-Komunità Ekonomika tal-Istati tal-Punent tal-Afrika (ECOWAS) u mill-Unjoni Afrikana (AU), li t-tnejn iddeċidew li jissospendu lill-Ginea milli tieħu sehem fl-attivitàjiet tagħhom,
- G. billi l-partiti ewlenin tal-oppożizzjoni u l-konfederazzjoni tat-trejdjunjins li organizzat l-istrasjks f'Ġunju 2006 u f'Jannar 2007 ħadu nota tat-trasferiment tal-poter, filwaqt li l-President tal-Assemblea Nazzjonali qed jitlob li tiġi rrestawrata l-legalità konstituzzjonali,

Il-Ħamis, 15 ta' Jannar 2009

- H. billi, skont il-Bank Dinji, nofs iċ-ċittadini tal-Ginea jgħixu fuq l-ekwivalenti ta' dollaru Amerikan kuljum, u billi d-dħul għal kull ċittadin ilu jitbaxxa kostantament minn wara l-indipendenza, minkejja r-riżorsi sinifikanti tal-ilma u tal-minjieri li għandu l-pajjiż,
- I. billi l-Ginea għet ikklassifikata minn "Transparency International" fost wieħed mill-aktar pajjiżi korrotti tal-Afrika,
- J. billi l-kolp ta' stat seħħ f'kuntast ta' degradazzjoni ekonomika u soċjali u li l-iżvilupp joffri l-aħjar possibiltajiet għas-suċċess tad-demokrazija,
- K. billi saru dimostrazzjonijiet bosta drabi f'ħafna bliet tal-Ginea biex jipprotestaw kontra ż-żieda fl-għoli tal-ħajja u l-iskarsezzi tal-ikel bażiku,
- L. billi l-atteġament tal-ex-president Lansana Conté rigward id-drittijiet tal-bniedem hija ta' tħassib kbir, billi tinkludi l-użu eċċessiv tal-forza mill-armata u mill-pulizija kontra l-persuni ċivili, id-detenzjoni arbitrarja u d-detenzjoni mingħajr ġuri, u l-ksur tal-libertà tal-espressjoni,
- M. billi jaqbel li wieħed iqis bis-sħiħ il-proposti magħmula mill-partiti politiċi, trejtdjunjins u organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili dwar kif djalogu nazzjonali jista' jwassal sabiex jintlaħaq ftehim dwar tranżizzjoni paċifika u demokratika kif ukoll dwar kalendarju għall-elezzjonijiet presidenzjali u leġiżlattivi,
- N. billi d-deċizzjonijiet u l-ħatriet, b'mod partikulari dawk tal-gvern, magħmula mill-ġunta ma jikkonformawx mal-istat tad-dritt,
- O. billi Kabiné Komara, li kien direttur tal-Bank Afrikan għall-importazzjoni u l-esportazzjoni, inħatar bħala prim ministru, u billi s-Sur Komara kien fuq il-lista ta' kandidati potenzjali għall-ħatra bħala prim ministru li tressqet mit-trejtdjunjins fiż-żmien meta seħħew l-avvenimenti ta' Frar,
- P. billi l-mexxeja militari u ċivili ġew arrestati b'mod arbitrarju,
1. Jikkundanna l-ħtif tal-poter minn grupp ta' uffiċjali, u jitlob li fix-xhur li ġejjin isiru elezzjonijiet parlamentari u presidenzjali ħielsa u trasparenti, li jikkonformaw mal-istandards internazzjonali, bil-koperazzjoni tal-Unjoni Afrikana u l-ECOWAS u bl-appoġġ tal-UE, taħt l-awtorità ta' gvern ċivili tranżitorju;
2. Jitlob li jsir djalogu inter-Ginejan, bis-sehem tal-partiti politiċi kollha, tat-trejtdjunjins u tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, sabiex tinfetħ it-triq lejn tranżizzjoni demokratika;
3. Jitlob lill-ġunta li tinsab fil-poter sabiex tirrispetta d-drittijiet tal-libertà tal-opinjoni, tal-espressjoni u tal-assoċjazzjoni, inkluż id-dritt ta' assemblea paċifika, kif stipulat fid-Dikjarazzjoni Universali tad-Drittijiet tal-Bniedem;
4. Jikkundanna l-arrest u d-detenzjoni mingħajr akkuża tal-persunal militari u ta' persuni ċivili, u jitlob li dawk arrestati jinħelsu immedjatament jekk ma tkun tista' titressaq l-ebda akkuża serja kontri hom;
5. Jinnota l-impenji politiċi meħuda mill-mexxeja l-ġodda tal-Ginea, b'mod partikulari fir-rigward tal-ġlieda bla heda kontra l-korruzzjoni u t-twaqqif ta' sistema demokratika trasparenti fil-Ginea; jitlob li dawn l-impenji jiġu rrispettati;

Il-Ħamis, 15 ta' Jannar 2009

6. Jilqa' d-deċizzjoni tal-Unjoni Afrikana u tal-ECOWAS li jissospendu l-Ginea mill-attivitajiet tagħhom sakemm ma jkollhiex parlament jew gvern elett b'mod demokratiku;
7. Jitlob li jinfetħ djalogu politiku bejn l-Unjoni Ewropea u l-awtoritajiet tranżitorji li hađu l-poter fil-Ginea, fil-qafas tal-Artikoli 8 u 96 tal-Ftehma ta' Cotonou;
8. Jitlob lill-Kummissjoni Ewropea biex tkun lesta li tiffriża l-għajnuna kollha ħlief dik umanitarja u tal-ikel, u li tqis sanzjonijiet immirati kontra l-membri tal-entitajiet li ħatfu l-poter jekk ma jkunx hemm tranżizzjoni demokratika;
9. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill u lill-Kummissjoni, lill-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU, lill-istituzzjonijiet tal-Unjoni Afrikana, lill-ECOWAS, lill-Assemblea Parlamentari Konġunta tal-ACP-UE u lill-awtoritajiet tal-Ginea.

Il-libertà tal-istampa fil-Kenja

P6_TA(2009)0031

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-15 ta' Jannar 2009 dwar il-libertà tal-istampa fil-Kenja

(2010/C 46 E/20)

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-Karta Afrikana dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Popli,
 - wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet preċedenti tiegħu dwar il-Kenja,
 - wara li kkunsidra d-Dikjarazzjoni Universali tad-Drittijiet tal-Bniedem,
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 115(5) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
- A. billifit- 2 ta' Jannar 2009, il-President Kibaki approva l-Abbozz ta' Liġi Kenjan dwar il-Komunikazzjonijiet tal-2008 (Emenda), li emenda l-Att Kenjan dwar il-Komunikazzjonijiet tal-1998,
 - B. billi l-att tal-2008 ma jqisx id-drittijiet għal-libertà tal-espressjoni u għal-libertà tal-istampa kif stabbiliti fid-Dikjarazzjoni Universali tad-Drittijiet tal-Bniedem kif ukoll f'konvenzjonijiet internazzjonali oħra li Kenja iffirma u rratifika, inkluża l-Karta Afrikana dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Popli,
 - C. billi ż-żewġ artikoli problematiċi ewlenin huma l-Artikoli 88 u 46; billi l-Artikolu 88 jagħti lill-Ministru tal-Infommazzjoni setgħat konsiderevoli sabiex isir rejd fuq organizzazzjonijiet tal-media li titqies bħala theddida għas-sigurtà nazzjonali u jiżżarma t-tagħmir tax-xandir; billi l-Artikolu 46 jagħti lill-Istat is-setgħa li tirregola il-materjal li se jixxandar u li se jkun ippubblikat mill-media elettronika u mill-istampa rispettivament,
 - D. billi skont stqarrija għall-istampa maħruġa mill-Assoċjazzjoni tal-Ġurnalisti tal-Afrika tal-Lvant (EAJA), l-abbozz ta' liġi dwar il-media jdaħħal iċ-ċensura diretta tal-media mill-gvern,